# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 11/2019 BS**

**PV**

**-vs-**

**LA; L-Avukat Dottor Mario Scerri li b'digriet tal-11 ta' Settembru 2019 ġie maħtur bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-minuri MA; u d-Direttur Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur PV illi ppremetta:**

1. ILLI fid-data ta' ħamsa u għoxrin (25) t'*A*wwissu tas-sena elfejn u tnax (2012), il-konvenuta LA welldet tarbija ta' sess femminili bl-isem ta' Maya u dan skont kif jirriżulta miċ-Ċertifikat tat-Twelid li kopja tiegħu hija hawn annessa u mmarkata bħala **<u>Dok A</u>**;

2. ILLI l-attur kellu relazzjoni intima mal-konvenuta LA mil-liema relazzjoni twieldet l-imsemmi minuri MA nhar il-25 t'Awwissu 2012;

3. ILLI l-attur dejjem kellu aċċess għall-minuri kif ukoll dejjem ħa ħsieb il-bżonnijiet finanzjarji kollha tagħha u saħansitra wkoll jivversa **mantenimen**t lill-konvenuta u dana kif ser jiġi ampjament ippruvata fil-mori tal-kawża;

4. ILLI kif jirriżulta miċ-Ċertifikat tat-Twelid, l-imsemmi minuri llum il-ġurnata hija reġistrata bħala 'UNKNOWN FATHER';

5. ILLI I-konvenuta ġiet notifikata permezz ta' ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u b'risposta għall-istess aċċettat l-istat tal-filjazzjoni tal-minuri iżda stante li kien sar żball fin-numru tal-att ta' twelid, l-imsemmi ċertifikat tat-twelid ma setgħetx tiġi korretta u għalhekk l-annotazzjoni ma setgħetx issir;

6. ILLI konsegwentement il-konvenuta unilateralment iddeċidiet iċċaħħad lill-attur milli jirrikonoxxi lill-minuri MA bintu b'dan illi allura neċessarjament kellhom jiġu istitwiti l-preżenti proċeduri;

7. ILLI l-preżenti proċeduri qegħdin isiru ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex wara illi jsiru t-testijiet xjentifiċi tad-DNA, jiġi dikjarat illi l-attur huwa l-missier bioloġiku tal-minuri MA illi twieldet fil-25 ta' Awwissu tas-sena 2012 u sabiex isir il-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmi minuri billi fil-kolonna intestate "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-Missier" jitħassru l-kliem "*unknown father*" u minflok jitniżżlu isem u kunjom l-attur PV mwieled Rabat,

Għawdex, u dan minbarra kull tagħrif ieħor tavolta meħtieġ mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

**Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex Din l-Onorabbli Qorti:**

1. Previa illi jsiru t-testijiet xjentifiċi neċessarji u abbażi tar-riżultanti tal-istess tiddikjara illi l-attur huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri MA;

2. Tordna illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaffettwa l-korrezzjonijiet kollha neċċessarji u opportuni fl-Att tat-Twelid ta' MA u sabiex isir il-korrezzjoni fl-atti tat-twelid tal-imsemmi minuri billi fil-kolonna intestat "Isem u Kunjom u post tat-Twelid tal-Missier" jitħassru l-kliem "*unknown father*" u minflok jitniżżlu isem u kunjom l-attur PV, imwieled ir-Rabat, Għawdex u dana minbarra kull tagħrif ieħor tavolta meħtieġ mill-konvenut tar-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta minn issa inġunta għas-subizzjoni

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta LA illi eċċepixxiet:**

1. Illi preliminarjament il-kawża hija monka u nulla stante illi ġiet intavolata f'Qorti li ma teżistix stante illi sal-lum ma hemm ebda Qorti Ċivili f'Għawdex iżda biss Qorti tal-Maġistrati, Ġurisdizzjoni Superjuri fis-sezzjoni tal-Familja tagħha;

2. Illi fit-tieni lok ai termini tal-artiklu 77C, din il-kawża ma tistax tirnexxi stante illi ma saritx fit-termini ta' sitt (6) xhur mit-twelid tat-tat-tarbija, kif tistipula l-istess liġi;

3. Illi lanqas ma hu fl-interess tal-minuri li jissoktaw dawn il-proċeduri stante li jista' jkollhom effett ħażin fuq l-aħjar interessi tagħha kif ser jiġi ampjament pruvat fil-mori;

4. Illi lanqas ma hu għal aħjar interess tal-minuri li jsiru testijiet tad-DNA fuqha.

Għaldaqstant it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Għal finijiet tal-artiklu 158 tal-Kap. 12, il-konvenuta tiddikjara s-sewgwenti dwar il-premessi tal-attur li ser ssir referenza għalihom in serjatim:

a) L-ewwel premessa ma hix qed tiġi kkontestata in kwantu tirreferi għaċ-ċertifkat tat-twelid tal-minuri Maya;

b) Illli t-tieni premessa qed tiġi kkontestata;

c) Illi t-tielet premessa qed tiġi kkontestata stante illi hija l-esponenti dejjem ħadet ħsieb waħedha t-trobbija tal-wild minuri Maya u l-istess minuri ma jonqosha xejn;

d) Illi r-raba' premessa ma hix qed tiġi kkontestata in kwantu tirreferi għaċ-ċertifikat tat-twelid li però ma hux ċertifikat tat-twelid sħiħ iżda estratt tal-istess ċertifikat;

e) Illi l-ħames premessa qed tiġi kkontestata stante illi l-artiklu 86 tal-Kap. 16 jirreferi għal wild li twieldet barra ż-żwieġ mentri l-konvenuta kienet miżżewġa lil Francis Saliba u l-minuri twieldet fiż-żwieġ hekk kif jidher fuq iċ-ċertifikat tat-twelid. Illi jidher ukoll illi l-attur huwa wkoll għadu miżżewweġ u jgħix ma martu Doreen Vella ġewwa 59D, Triq Marsalforn, Xagħra, Għawdex u dan kif jixhed l-indirizz ta' fuq in-numru tal-karta tal-identità tiegħu li jġib indirizz residenzjali differenti minn dak indikat minnu f'dan l-atti. Illi minn dik ir-relazzjoni l-koppja Vella ma għandhomx u probabilment ma jistax ikollhom tfal;

f) Illi s-sitt premessa qed tiġi kkontestata peress li ma kienx jispetta lilha biex tagħmel dak deskritt fl-istess premessa;

g) Illi s-seba' premessa qed tiġi kkontestata stante li l-liġi applikabbli f'dan il-każ ma hux l-artiklu indikat.

Daqstant għandha x'tissottometti bl-akbar rispett l-esponenti lil din il-Qorti Onorabbli għas-savvju ġudizzju tagħha.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur Reġistru Pubbliku ta' Għawdex illi permezz tagħha wieġeb:**

1. Illi l-esponenti mhux qiegħed jopponi għat-talba tar-rikorrenti u għalhekk qiegħed jirremetti ruħu għas-salv ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti li ġew dikjarati fir-rikors ġuramentat u fid-dokumenti hemm mhemuża;

3. Illi finalment u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jissottomentti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tal-esponenti, u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Mario Scerri bħala kuratur deputat sabiex jirrapreżenta lill-minuri MA illi permezz tagħha wieġeb:**

1. Illi għall-finijiet ta' kjarezza u kompletezza tal-ġudizzju l-esponenti jirrileva li rigward l-ewwel talba tal-attur huwa applikabbli l-Artikolu 100A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien mal-Artikolu 86 tal Kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta *stante* l-fatt li l-minuri twieldet barra mir-rabta taż-żwieġ;

2. Billi jidher mill-premessa numru sitta (6) tar-rikors ġuramentat li l-intimata LA qed topponi li l-attur jiġi rikonoxxut bħala l-missier naturali tal-minuri u mir-risposta numru erba' (4) tar-risposta ġuramentata tal-istess intimata LA li hi mhix lesta tagħti l-kunsens tagħha għal test ġenetiku dwar il-parentela, hi

mogħtija lil din il-Qorti s-setgħa li tissostitwixxi dak il-kunsens li ma jingħatax u tordna li jittieħed il-kampjun neċessarju kif jitlob l-Artikolu 70A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta magħmul applikabbli għall-każ taħt eżami bis-saħħa tal-Artikolu 100A tal-Kap. 16 tal Ligijiet ta' Malta;

3. Illi jiġi rilevat li dwar il-meritu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri MA l-esponenti naturalment m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa qed jirrimetti ruħhu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju u superjuri ħudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti;

4. Illi finalment u dejjem mingħajr ħsara għas-suespost, l-esponenti jissottometti li l-ispejjeż għandhom jiġu akkollati lil dik mill-partijiet li ħtija tagħha jirriżulta li tkun tat lok għal dawn il-proċeduri;

5. Salvi tweġibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Il-Qorti;

Rat il-lista tax-xhieda u fliet id-dokumenti kollha in atti;

Rat id-digriet tat-18 ta' Ġunju, 2019 li pemezz tiegħu nħatret kuratur deputat Dr Deborah Camilleri sabiex tirrappreżenta l-interessi tal-minuri MA;

Rat li fil-11 ta Settembru 2019, id-digriet ġa msemmi ġie revokat u nħatar Dr Mario Scerri bħala Kuratur Deputat tal-minuri MA;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta LA;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur Reġistru Pubbliku, Għawdex;

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Dr Mario Scerri qua kuratur tal-minuri MA;

Rat li fl-20 ta' Ottubru, 2020 ngħatat sentenza *in parte* fejn il-Qorti ċahdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta LA;[1]

Rat li fit-23 ta' Novembru, 2020 ngħatat sentenza oħra *in parte* wara t-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta, fejn il-Qorti ċahdet it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta ġa msemmija;

Rat li fis-26 ta' Novembru, 2020 il-konvenuta LA intavolat rikors u talbet li tiġi awtorizzata tappella mis-sentenza tat-23 ta' Novembru, 2020;

Rat il-provvediment mogħti fil-11 ta' Diċembru, 2020 li permezz tiegħu l-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenut sabiex tappella;

Rat id-digriet tas-7 ta' Jannar, 2021 li permezz tiegħu inħatret Dr Marisa Cassar sabiex isir l-eżami xjentifiku tad-DNA;

Rat in-nota tal-konvenuta LA tat-12 ta' Jannar, 2021,li permezz tagħha ppreżentat kopja ta' rikors kostituzzjonali minnha ppreżentat kif ukoll kopja tad-digriet dwar ħruġ ta' miżura interim datat 29 ta' Diċembru, 2020;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar, 2021. Rat ukol li fl-istess seduta ġie revokat id-digriet tas-7 ta' Jannar, 2021 u dan għar-raġunijiet elenkati fl-istess verbal;

Rat il-verbali kollha sussegwenti;

Rat li fis-16 ta' Frar, 2022 din il-kawża ġie assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat il-verbal tas-26 ta' April, 2022 li permezz tiegħu nhatret Dr. Marisa Cassar sabiex tagħmel l-aċċertament xjentifiċi neċessarji u tistabbilixxi l-paternità tal-minuri MA u dan wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kostituzzjonali;

---

[1] A fol 68 tal-proċess

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju, 2022 fejn il-partijiet infurmaw lill-Qorti li mill-eżami tad-DNA rriżulta li l-attur huwa missier il-minuri MA, kif ukoll li l-Qorti tista' tgħaddi għas-sentenza;

Rat ir-rapport tal-esperta Dr Marisa Cassar ipprezentat fil-11 ta' Lulju, 2022 li permezz tiegħu ġie ċertifikat li l-attur huwa effettivament il-missier bijoloġiku tal-minuri MA;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Lulju 2022 fejn il-partijiet iddikjaraw li qed jirrimettu ruħhom għal provi migbura u l-kawża tħalliet għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-kawża odjerna l-attur qed jitlob li previa li jsiru l-aċċertament xjentifiċi huwa jiġi dikjarat li huwa missier il-minuri konvenuta. Qed jitlob ukoll li l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jiġi ordnat jagħmel il-korrezzjonijiet kollha meħtieġa fl-atti ċivili u dan sabiex jirriflettu l-fatt li huwa missier il-minuri msemmija.

Il-Qorti, fid-dawl ta' dawn it-talbiet tqis li in vista tar-rapport tad-DNA fuq imsemmi, ġie sodisfaċentement ippruvat illi l-attur huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri u għalhekk l-ewwel u t-tieni talbiet jirriżultaw li huma ġustifikati.

Rigward il-kap tal-ispejjeż, din il-Qorti fliet l-atti kif ukoll il-passaġġ ġudizzjarju li għaddiet minnu din il-kawża kif ukoll l-fatt li l-konvenuta LA intavolat kawża kostituzzjonali li ġiet deċiża fit-2 ta' Diċembru, 2021 u mbagħad appellat mill-istess deċiżjoni. Din il-Qorti fliet is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta' Marzu, 2022.

Minn qari akkurat ta' dawn is-sentenzi joħroġ ċar kemm il-konvenuta kienet kuntrarja għat-talba li jsiru l-eżamijiet xjentifiċi tad-DNA sabiex l-attur jiġi dikjarat missier il-minuri. Huwa evidenti li l-konvenuta kienet tassew urtata bl-insistenza tal-attur li jsir it-test tad-DNA madankollu il-Qorti hi tal-fehma li l-attur kien ġustifikat jitlob li jsir it-test tad-DNA.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax ir-riluttanza tal-konvenuta li tikkollabora sabiex isir it-test tad-DNA u li kien biss wara li din l-istess Qorti wissiet lill-konvenuta[2] bil-konsegwenzi li kienu ser jirriżultaw jekk tkompli bl-aġir tagħha li din resqet għat-testijiet tad-DNA.

Hija għalhekk il-konklużjoni ta' din il-Qorti illi l-ispejjeż ġudizzjarji għandhom jiġu sopportati mill-konvenuta LA filwaqt l-ispejjeż peritali ta' Dr Marisa Cassar għandhom jiġu sopportati mill-attur u mill-konvenuta msemmija f'sehem indaqs bejniethom.

**Decide.**

Għal dawn il-motivi u r-raġunijiet ġa espressi din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta LA:

1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-attur PV huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri MA;

2) Tilqa' t-tieni talba attriċi u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel l-korrezzjonijiet neċessarji u opportuni fl-Att tat-Twelid ta' MA u dana billi fil-kolonna intestat "Isem u Kunjom u post tat-Twelid tal-Missier" jitħassru l-kliem "*unknown father*" u minflok jitniżżlu isem u kunjom PV, imwieled ir-Rabat Għawdex.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuta LA salv l-ispejjeż peritali ta' Dr Marisa Cassar li għandhom jiġu sopportati nofs mill-attur PV u nofs mill-konvenuta LA.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella

[2] Verbal tat-8 ta' Ġunju, 2022

D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur